REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 32 ta' 2026, miżmuma nhar il-Erbgħa, 22 t' April 2026, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef (online) | Mellieħa | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Bjorn Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

## AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 32
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart tas-Sena 2026
6. Aġġornamenti u diskussjoni;
7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti
8. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-17:30 ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President informa lil dawk preżenti, li s-Sindku Joseph Gatt kif ukoll id-delegat tiegħu Aiken Żerafa talbu li jkunu skużati mill-laqgħa.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.31**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 31 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda punti mill-minuti

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-Sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament -Kunċert propost mill-Ensemble St Monica**

Il-President informa li s-Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt mal-organizzaturi sabiex dawn jagħmlu l-arranġamenti neċessarji tagħhom fir-rigward tal-venue l-aktar adattat għal din l-okkażjoni. Huwa talabhom ukoll biex jerġgħu jagħmlu kuntatt mar-Reġjun sabiex isiru diskussjonijiet dwar kif ir-Reġjun jista' jassisti f'din l-attività.

**3.2 Aġġornament - Town twinning with Jericho, Palestine**

Il-President informa li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat komunikazzjoni lill-promotur fejn għarrafhom li, fid-dawl tal-instabbiltà politika u s-sitwazzjoni volatili fil-pajjiż in kwistjoni, ir-Reġjun Tramuntana mhux ser jipparteċipa fil-proposta ta' ġemellaġġ ma' Jericho. Huwa spjega wkoll li s'issa l-ebda Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ma esprima interess li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**3.3 Ġbir ta' skart – Ċimiterji u Għadira Caravan Site**

Il-President qal li ġie nfurmat li ċ-Ċimiterju tan-Naxxar kien qed iħallas kuntrattur privat sabiex jinġabar l-iskart, meta dan is-servizz suppost jingħata mill-kuntrattur tar-Reġjun. Għaldaqstant, l-Arċipriet flimkien mal-Kuratur ġew infurmati sabiex jitwaqqaf is-servizz privat u l-iskart jibda jinħareġ għall-ġabra mill-kuntrattur tar-Reġjun, peress li dan is-servizz huwa diġà mħallas mir-Reġjun.

Is-Sindku tal-Mellieħa informa li kien hemm korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Għadira dwar problemi fir-rigward tal-ġbir tal-iskart, fejn il-kollettur mhux qed jiġbor l-iskart regolari u qed jinħolqu diffikultajiet fil-ġbir. Wara diskussjoni dwar l-anomaliji fit-tender kif ukoll il-fly-tipping li qed isir madwar l-iskips, ġie deċiż li l-aħjar għażla tkun li ssir laqgħa bejn il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, l-Assoċjazzjoni tal-Għadira u d-Direttur Ġenerali sabiex jiġu diskussi s-soluzzjonijiet meħtieġa, minħabba li r-Reġjun m'għandu l-ebda poter f'dan ir-rigward.

Il-Viċi President, Dott. Angelo Micallef, flimkien mas-Sindku Dott. Chris Deguara, ingħaqdu mal-laqgħa fis-18:00 ta' filgħaxija.

**3.4 Proposta – Eurovelo, Bicycles**

Il-President ħabbar li saret laqgħa mar-rappreżentanti ta' EuroVelo dwar rotta Ewropea li fiha kien inkluż ukoll ir-Reġjun Tramuntana flimkien ma' reġjuni oħra. Matul il-laqgħa ġiet ippreżentata proposta għal *Bicycle Network*. Fid-dawl tal-fatt li l-infrastruttura f'Malta mhijiex l-aktar adegwata għal tali rotta, intalbet mappa bl-identifikazzjoni ta' punti fejn jistgħu jsiru interventi sabiex titjieb ir-rotta proposta.

**3.5 Kwotazzjoni ta' xiri ta' oġġetti – Automated External Defibrillator**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li r-Regjun ser ikun qieghed joffri tahrig ta kif jintuza d- Defibrillatur Awtomatiku nhar it-Tnejn 04 ta' Mejju 2026 fis 13,00 ta' wara nofs inhar.

Il-President informa li ġie rrappurtat li l-Kunsill Lokali ta' Attard għandu batterija skaduta tad-Defibrillatur Awtomatiku Estern (AED). Peress li l-Kunsill ta' Attard ma kellux l-istess magna bħall-bqija tal-Kunsilli tar-Reġjun — minħabba li ma kienx parti mir-Reġjun meta nħareġ it-tender għax-xiri tad-defibrillaturi — saret rikjesta ta' kwotazzjonijiet. Irriżulta li l-batterija tiswa aktar minn €700, filwaqt li magna ġdida tiswa €1,650 mingħajr VAT.

Ser issir ukoll rikjesta ta' kwotazzjoni mingħand is-supplier li pprovda l-magni l-oħra waqt it-tender sabiex issir kjarifika dwar il-mudell eżatt kif ukoll l-prezz.

Fuq proponiment tas-Sindku Christopher Deguara, sekondat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil li jekk il-magna ġdida tkun aktar vantaġġuża mill-batterija biss, għandha tinxtara mir-Reġjun għall-Kunsill ta' Attard.

### 3.6 Aġġornament - European Week of Regions and Cities 2026

Il-President informa li l-Kunsilli jistgħu jinnominaw kemm iridu rappreżentanti; madankollu r-Reġjun ser ikopri l-ispejjeż ta' rappreżentant wieħed biss. Is-Sindku Perit Ċensu Galea ippropona li dawn ir-rappreżentanti għandhom ikunu s-Sindki jew id-delega tagħhom f'każ li s-Sindku ma jkunx jista' jattendi. Il-membri ġew mħeġġa jibgħatu l-ismijiet flimkien ma' kopja tal-karta tal-identità kemm jista' jkun kmieni sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

### 3.7 Raprezentazzjoni tal-President waqt Proġett SOuSeEU - Taħriġ fuq l-ELoGE u San Patrignano study visit 7-10/04/2026 – RIMINI

Il-President informa lill-membri li, kif diġà kien għarrafhom, huwa ħa sehem bħala rappreżentant fit-taħriġ imsemmi. Huwa ddeskriva t-taħriġ bħala wieħed ta' livell għoli u ta' interess kbir.

Is-Sindku Perit Ċensu Galea, flimkien mas-Sindku Gabriel Micallef, telqu mill-laqgħa fis 18:15 minħabba impenji personali.

### 3.8 Nases tat-tiġieġ u l-ħamiem u tal-ġrieden

Il-President informa li xi Kunsilli għadhom ma ġabrux in-nases; għalhekk il-membri ġew imfakkra sabiex dawn jinġabru kemm jista' jkun malajr.

**3.9 Talba ta' Għajnuna Finanzjarja – IFBB Malta**

Il-President informa li l-Malta Federation of Fitness and Bodybuilding kienet ipparteċipat is-sena l-oħra fl-attivitajiet tal-proġett Deep Blue Green, u għaldaqstant reġgħet ressqet talba għal għajnuna finanzjarja. Fid-dawl li wieħed mill-objettivi tar-Reġjun huwa relatat mal-promozzjoni tal-isport, is-Segretarju Eżekuttiv propona li, sabiex ikun jista' jingħata appoġġ lil din l-organizzazzjoni u fl-istess ħin ir-Reġjun jibbenefika mis-sostenn tagħhom, tingħata l-istess somma ta' €2,000. Din is-somma għandha tittieħed mill-fondi tal-proġett sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' torganizza avvenimenti li jkunu ta' benefiċċju għall-komunità, b'mod speċjali għat-tfal u l-adolexxenti.

Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

**3.10 Rikjesta għal trasport għal dawk impjegati ta' Skala 16 (Kors)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hemm ħames impjegati fi Skala 16 minn diversi Kunsilli Lokali li ser jattendu l-kors provdut mill-AKL fl-MCAST ta'-Raħal il-Ġdid. Ir-Reġjun ippropona li jkopri l-ispejjeż tat-trasport għal dawn l-impjegati matul il-kors kollu, minħabba li dawk li ma għandhomx aċċess għal vettura privata ma setawx jattendu mingħajr dewmien u traġitt esaġerat li jinvolvi żewġ karozzi tal-linja.

Wara diskussjoni, il-membri ma qablux li jitħallas it-trasport, billi l-kors innifsu ser ikun diġà mħallas mill-Kunsill Lokali rispettiv.

**3.11 Rappreżentazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv ġewwa Seville għall-proġett CATALYST 2030**

Il-President informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv irrappreżenta lir-Reġjun Tramuntana f'Seville bejn il-15 u t-18 ta' April. Huwa spjega li dan il-proġett huwa marbut mal-European SDGs u li l-parteċipazzjoni f'inizjattivi bħal dawn hija ta' importanza kbira għar-Reġjun, partikularment fir-rigward tal-possibbiltà li jiġu żviluppati u implimentati proġetti pilota li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għar-Reġjun.

Is-Sindku Dale Hayman ingħaqad mal-kumplament tal-laqgħa fis 18:20.

**3.12 Galea Curmi – Street Lighting Contract**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li saru verifiki flimkien mal-kumpanija Galea Curmi, fejn ingħataw l-istruzzjonijiet dwar kif tintuża s-sistema li għaliha r-Reġjun iħallas l-aċċess. Wara diskussjoni, il-membri qablu li, ladarba l-verifika ngħatat, il-pagamenti għandhom isiru u jibqgħu jsiru b'mod regolari.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart tas-Sena 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Accountant tinsab indisposta u għalhekk ma setgħetx tippreżenta dan ir-rapport. Minflok, ġie ppreparat sommarju qasir li ser jiġi ppreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv skont kif ġie ppreżentat fir-rapport mill-Accountant tar-Reġjun.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mill-Viċi President Dott. Angelo Micallef kien hemm qbil li r-rapport Q1 jiġi approvat hekk kif preżentat.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 200 għall-perjodu bejn l-24 ta' Marzu 2026 u it-22 t'April 2026.

L-iskeda ppreżentata ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsillier Norbert Dalli, issekondata mis-Sindku Paul Vella, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026